# FLORA U FAWNA TAL- GŻEJJER MALTIN
## IL-MERILL

**Il-Merill (Ingliż: Blue Rock Thrush) hu l-għasfur nazzjonali ta' Malta. Il-Merill u l-Widnet il-Baħar ġew iddikjarati bħala l-għasfur u l-pjanta nazzjonali tagħna fl-1971.**

**Isem Xjentifiku:** Monticola solitarius jiddeskrivi l-Merill b'mod perfett; għasfur solitarju li jħobb il-blat.

**Deskrizzjoni:** L-adulti maskili għandhom rix ileqq b'lewn kaħlani skur, filwaqt li dawk femminili u l-frieħ huma ta' lewn kannella.

**Firxa:** Il-Merill huwa għasfur li jinsab f'firxa kbira ta' pajjiżi li testendi mill-Portugal, tul il-Mediterran kollu, sal-Ġappun. Fostna, il-Merill jinsab b'mod frekwenti f'Malta, f'Għawdex u f'Kemmuna.

**F'Malta:** Resident komuni.

**Abitat:** Il-Merill jinsab l-aktar fl-irdumijiet kostali. Jibni l-bejta tiegħu u jrabbi l-frieħ fi xquq fil-blat u ġewwa l-għerien. Dan l-aħħar, il-Merill beda jbejjet ukoll f'inħawi aktar il-ġewwa mill-kosta, fosthom f'binjiet abbandunati, fi rziezet, u kif ukoll f'palazzi kbar. Par minnhom bnew il-bejta tagħhom fil-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali fl-Imdina u fiha jrabbu żewġ bejtiet ta' frieħ fis-sena. Matul ix-xhur tal-ħarifa u tax-xitwa, il-frieħ ifittxu postijiet kennija 'l ġewwa mill-kosta u spiss joqogħdu f'żoni urbani.

**Riproduzzjoni:** L-adulti maskili jinstemgħu jgħannu lejn l-aħħar ta' Frar, għalkemm l-istaġun tar-riproduzzjoni jibda f'Marzu. Kull par irabbi żewġ bejtiet fis-sena u kull bejta jkollha bejn erba' u sitt bajdiet ta' lewn kaħlani. Il-bejta tinbena b'mod unit fuq xi xkaffa dejqa tal-blat. Il-frieħ tal-ewwel bejta jibdew itiru lejn l-aħħar t'April, filwaqt li dawk tat-tieni, lejn l-aħħar ta' Ġunju.

**Konservazzjoni:** Fil-passat, bosta bejtiet tal-Merill kienu jinqabdu min-nassaba. B'xorti tajba, din id-drawwa naqset ferm matul l-aħħar snin u b'hekk in-numru ta' Merilli fin-natura żdied sew. Illum, il-Merill huwa protett bil-liġi u ma jistax jinqabad.




Il-Merill fuq il-munita
tal-Lira Maltija (1986-2008)



© 2021 Heritage Malta Publishing